MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 714/2002

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Gunju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet kontendenti m' ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi, mgieba hazina, mohqrija w ingurji gravi da parti tal-konvenut;

Illi l-partijiet ghandhom zewg ulied, B ta' hdax-il (11) sena u B ta' tmien (8) snin;

Illi l-attrici tinsab awtorizzata li tippresenta din l-istanza permezz ta’ zewg digrieti tal-Qorti Civili, Sekond’ Awla (Dok. “A” u “B”);

Illi, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut, ghall-finijiet tal-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16)** tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun konsidrat li minnha kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri B u B f’ idejn l-attrici;

4. Tordna lill-konvenut, ihallas lill-attrici, ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri tal-partijiet, retta alimentari xierqa li tkun pagabbli kif jigi stabblit minn din il-Qorti;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili tal-Kap. 16;**

6. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisit jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti *in vista* wkoll tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita’ minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ghandu jkun konsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, billi okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircevi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, billi tipprovdi wkoll illi d-dar konjugali ghandha tigi assenjata lill-attrici;

8. Tawtorizza lill-attrici illi tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri fil-Qorti Civili, Sekond' Awla kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta' A datat 21 ta' Gunju, 2002 a fol. 11 tal-process fejn talbet bir-rispett lil din Qorti biex joghgobha tahtarha kuratrici *ad litem* tal-istess uliedha minuri fl-atti tac-citazzjoni u fl-atti relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet tal-25 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat ir-rikors ta' A datat 14 ta' Awissu, 2002 a fol. 18 tal-process fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti biex joghgobha tawtorizzaha li tirrisjedi fid-dar taz-zwieg flimkien mal-ulied imsemmija, *ad* eskluzjoni tar-ragel, filwaqt illi r-ragel jista' jirrisjedi fil-fond l-iehor u biex tistabilixxi l-modalitajiet tal-access da parti tar-ragel ghall-minuri tal-partijiet, b' dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha li ghandha timponi.

Rat id-digriet tal-31 ta' Lulju 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta, skond id-direttivi annessi ma' l-istess digriet (Dok. "A").

Rat in-nota tal-attrici A datata 14 ta' Gunju 2002, a fol. 23, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, ta' ommha u missierha.

Rat ir-rikors tal-konvenut B, datat 2 ta' Settembru 2002, a fol. 42, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha

takkoradalu estenzjoni taz-zmien li fih huwa jkun jista' jipprezenta l-affidavit tax-xhieda tieghu u dan taht dawk il-provvedimenti kollha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 3 ta' Settembru 2002, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ordnat li z-zmien li fih il-konvenut iressaq l-affidavit tieghu kellu jitwal sas-16 ta' Settembru 2002.

Rat in-nota tal-konvenut datata 12 ta' Settembru 2002, a fol. 44 li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu, ta' Carmen Gauci, ta' Paulie Scerri, ta' Maria AB u ta' Veronica Grech.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut B, datata 4 ta' Novembru 2002, a fol. 58, fejn eccepixxa bir-rispett:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel li ghandu jkun hemm separazzjoni personali bejn il-konjugi AB izda dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici;

2. Illi l-eccipjent ma jikkontestax it-tieni talba attrici;

3. Illi l-eccipjent qed jikkontesta din it-talba u dan meta ghandu jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri jew alternattivament jigi fdat bil-kura u kustodja kongunitiva;

4. Illi l-eccipjent qed jikkontesta din it-talba fl-ewwel lok ghaliex l-attrici ghandha impieg *full time* u ghalhekk m' ghandhiex dritt ghall-alimenti. Dwar il-minuri dan jiddependi mill-ezitu tat-tielet eccezzjoni.

5. Illi l-eccipjent jikkontesta din it-talba attrici, minhabba li l-firda ma sehhitx tort tieghu, izda b' tort unikament tal-attrici;

6. Illi l-eccipjent jaqbel illi ghandha tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, u dan billi tiehu in konsiderazzjoni t-tort tal-attrici ghal din il-firda;

7. Illi l-eccipjent ma jsibx problema sabiex jirritorna lura l-beni parafernali tal-attrici, izda qed jikkontesta t-tieni parti tat-talba attrici;

8. Illi l-eccipjent jaqbel ma' din it-talba.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 59 tal-process.

Rat il-verbal datat 20 ta' Novembru 2002, fejn inghata digriet tal-affidavit lill-attrici b' terminu ta' erbghin (40) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Ramona Frendo bhala Perit Legali. Inghata wkoll digriet affidavit lill-konvenut b' terminu ta' erbghin (40) gurnata.

Rat ir-rikors ta' Dr. Greta Mifsud Agius datat 9 ta' Dicembru 2002, a fol. 67, fejn talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza lill-Perit Legali sabiex tiffissa erba' seduti ghall-provi attrici.

Rat id-digriet datat 10 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti estendit it-terminu ghas-seduti attrici sat-30 ta' April 2002.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali minn fol. 71 sa fol. 110.

Rat il-verbal tal-2 ta' Dicembru 2003 fejn Dr. John Vassallo ghall-attrici nforma lil Qorti li l-provi kienu konkluzi pero' kien jonqos ir-rapport tal-Perit Legali.

Rat il-verbali datati 13 ta' Jannar 2004 u 25 ta' Frar 2004.

Rat il-verbal datat 24 ta' Marzu 2004, fejn id-difensuri qablu li abbazi tar-rapport kellhom jaslu ghas-separazzjoni konsenswali.

Rat il-verbal datat 27 ta' April 2004, fejn il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo minn fol. 118 sa fol. 179 tal-process.

Rat il-verbal datat 24 ta' Gunju 2004, fejn Dr. David Camilleri ghall-konvenut prezenta nota ta' osservazzjonijiet li taghha obbliga ruhhu li jghaddi kopja lill-kontroparti li ghandu erbghin (40) gurnata ghal nota responsiva. Il-partijiet qablu li l-garaxx jiswa bejn Lm 15,000 u Lm 16,000. Il-kawza giet differita ghas-sentenza, ghall-24 ta' Frar 2005.

Rat in-nota ta' kritika tal-konvenut B ghar-rapport tal-Perit Legali.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet iccelebraw zwieg bejniethom fit-3 ta' Dicembru 1988, mil-liema zwieg twieldu zewg ulied, B illi jidher illi twieled fit-23 ta' Ottubru 1990 u B, illi twieldet fit-30 ta' Ottubru 1993.

Illi din il-Qorti tinnota, kif fuq kollox ghamlet il-perit legali, li ghalkemm f'dan il-kaz gew prodotti pataflun ta' xiehda miz-zewg nahat, bix-xiehda ta' naha jaghtu interpretazzjoni u verzjoni mod, u x-xiehda tan-naha l-ohra jaghtu interpretazzjoni mod iehor, jidher illi l-konflitt fit-testimonjanza prodotta huwa biss jew primarjament apparenti, u dovut principalment ghall-fatt illi, bhalma huwa naturali illi jigri f'dawn il-kazijiet, il-familjari u l-hbieb ta' naha jzommu ma' dik in-naha, u dawk tan-naha l-ohra jzommu man-naha l-ohra. B'hekk ix-xhieda, u aktar u aktar l-interpretazzjoni *ex post facto* ta' incidenti u fatti partikolari, tkun xi ftit jew wisq influwenzata jekk mhux ukoll dettata mill-attrit, simpatiji u antipatiji naxxenti f'sitwazzjoni ta' separazzjoni personali. U dan minghajr ma x-xhud partikolari jkun qieghed, volontarjament jew malizzjozament, jispergura ruhu. B'danakollu, hija haga naturali illi f'sitwazzjoni simili, il-memorja ssir xi ftit jew wisq selettiva, b'mod illi, per ezempju, il-genituri tal-attrici (illi huwa rikonoxxut minn kull min xehed f'dawn l-atti, dejjem kellhom relazzjoni ottima mal-konvenut qabel inbdew il-proceduri ghas-separazzjoni personali), fix-xhieda taghhom taw enfasi esagerata ghall-incidenti illi

nqalghu fil-kors tas-separazzjoni personali, illi bl-ebda mod ma jista' jinghad illi necessarjament kienu jirriflettu l-hajja matrimonjali jew il-kagun tal-firda bejn il-partijiet. L-istess ix-xiehda prodotti mill-konvenut jixhdu dwaru bhala missier ideali, u lkoll jesprimu x-xewqa u l-opinjoni illi z-zwieg bejn il-kontendenti jista' jigi salvat – li hija l-istess fehma espressa mill-konvenut.

Illi hawn din il-Qorti qed taqbel ma' dak kollu express mill-brava perit legali anke peress li certament li dan qed jigri fil-maggoranza tal-kazi ta' separazzjoni quddiem din il-Qorti – attagamenti li qed jaghtu lok ta' pika kbira bejn il-partijiet, u hija bicca xoghol iebsa anke ghad-difensuri sabiex hafna drabi jikkontrollaw lill-klijenti taghhom. Certament li b'dedikazzjoni u professjonalita' massima dan ghandu u jista' jsir, u hawn certament li l-procedura ta' medjazzjoni tista' tghin hafna, anke jekk din il-procedura ghandha bzonn il-kunsens u l-impenn ta' kullhadd biex tirnexxi. Fil-fatt tista' tirnexxi biss jekk il-partijiet, anke *tramite* d-difensuri jaghtu l-impenn kollu taghhom sabiex l-istess tkun success, ghall-gid mhux biss tal-partijiet, izda wkoll u fuq kollox ta' uliedhom. Hawn jigi wkoll rispettat il-process gudizzjarju, li fl-ambjent ta' Qorti tal-Familja, ma' ghandhux jigi kkonsidrat bhal kull process iehor gudizzjarju, fis-sens li hawn ma' ahniex qed nitkellmu fuq telf jew rebh, ghaliex fl-opinjoni umli ta' din il-Qorti kull kaz ta' falliment taz-zwieg huwa telf ghal kull parti, u ghall-ulied ta' l-istess relazzjoni; anzi hawn il-process gudizzjarju huwa intiz sabiex kemm jista' jkun b'mod spedjenti u b'mod uman, u allura b'mod gust, jwassal lill-partijiet ghall stadju iehor fil-hajja taghhom, kemm jekk flimkien permezz ta' rikonciljazzjoni, kemm jekk mifrudin, preferibilment konsegwenti ghall-ftehim bejniethom, u fin-nuqqas ta' l-istess b'decizjoni tal-Qorti, li ghandha tkun l-ahhar posizzjoni, u tittiehed wara li kollox ikun falla.

Illi hawn huwa l-mertu tal-medjazzjoni, li llum qed issir anke *tramite* medjaturi, dejjem intiza sabiex l-partijiet jasslu f'forma ta' ftehim ghall-gid tal-familja; ghaliex ghalkemm mifruda specjalment fejn hemm l-ulied, familja ser tibqa', u huwa fl-interess ta' kulhadd li jintlahaq ftehim

ghall-*modus vivendi* fl-interess suprem ta' l-istess minuri fuq kollox. Illi dan pero' ma jistax isehh jekk ma' jkunx hemm rispett lejn il-parti l-ohra inkluz l-kuncett li kull parti tpoggi l-karti kollha fuq il-mejda sabiex ikun hemm possibilita' ta' ftehim gust, veru, rejali, ta' gid u ta' unur ghal kull parti. F'dan il-kuntest il-holqien tal-Qorti tal-Familja, u l-kuncett ta' medjazzjoni huma imprezzabbli, u certament li ghandna nibnu fuqhom, liema diskors forsi jinkludi wkoll li jitnehhew xi difetti u anomaliji li inholqu bil-legislazzjoni u r-regolamenti prezenti.

Illi apparti dan kollu jinghad li ghal dak li jirrigwarda dan il-kaz in partikolari l-konvenut kien qal fl-affidavit tieghu li huwa jemmen illi z-zwieg jista' jigi salvat, ghalkemm mhux hekk qal fl-eccezzjonijiet tieghu. Hawn il-Qorti tirrileva u tirrimarka, kif fuq kollox ghamlet l-istess perit legali, li, apparti mill-fatt illi s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, kif iddikjarat fid-Digriet taghha tas-17 ta' Jannar 2002, ma rnexxilhiex iggib ir-rikonciljazzjoni tal-partijiet, fil-kors tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali u waqt din il-kawza, jidher car illi r-relazzjoni bejn il-partijiet illum adirittura ddeterjorjat tant illi mhux possibbli li l-koppja odjerna tibqa' tghix flimkien bhala koppja mizzewga.

Illli premess dan kollu, il-Qorti thoss illi l-allegazzjoni principali ta' l-attrici hija li z-zwieg tfarrak minhabba l-fatt illi zewgha kien abbuziv psikologikament u emozzjonalment fil-konfront taghha u tal-ulied minuri tal-partijiet, u tallega wkoll illi kien hemm xi incidenti ta' abbuz fiziku fil-konfront ta' binha B specjalment. Mill-banda l-ohra, il-konvenut irid jaghti x'jifhem illi martu, wara illi ghamlet kors l-Universita` dwar vjolenza domestika, bdiet tinterpreta kull agir tieghu fejn jipprova jikkoregi lill-ulied minuri, bhala abbuziv.

Illli min-naha tieghu, l-konvenut isostni illi z-zwieg seta' jigi salvat, u li l-problemi kienu biss kagunati minhabba relazzjoni, illi huwa jammetti illi mhix adultera, ta' martu mal-principal taghha fuq ix-xoghol. Illi minhabba fiha huwa kien ihossu konfuz, insikur u mhedded emozzjonalment jew sentimentalment. Jammetti illi kien hemm xi zmien li ssuspetta hazin, izda huwa stess, kif

korroborat mix-xiehda minnu prodotti, jammetti illi x'aktarx ma kien hemm xejn hazin, izda li xorta wahda huwa kien qed ihoss illi martu kienet ferm aktar qrib emozzjonalment tal-principal taghha milli tieghu, u li dan ikkaguna problemi fiz-zwieg. Il-konvenut jallega wkoll indhil indebitu mill-genituri tal-attrici, senjatament minn ommha, izda dan jidher illi kien fl-ahhar zminijiet, meta l-partijiet kienu waslu sabiex jibdew il-proceduri ghal separazzjoni personali, u fil-kors tal-istess.

Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi illi l-attrici tahdem mal-Gvern u ghandha certu livell ta' edukazzjoni, tant illi anke ricentement ghamlet kors l-Universita` (illi jidher illi kkoincida ma' l-ahhar fazi taz-zwieg bejn il-partijiet), mentri l-konvenut jahdem bhala *beach cleaner*. Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-inkompatibilita` u d-disgwid bejn il-kontendenti, jitwieled minn dan il-fatt. Jidher illi l-konvenut kien ihossu emozzjonalment insikur minhabba din id-diskrepanza fil-livell edukattiv tal-kontendenti, u jidher illi, kif inhuwa komuni f'sitwazzjonijiet simili, kien jipprova jikkompensa ghas-sens ta' inadegwatezza jew inferjorita` tieghu fil-konfront ta' martu, billi jmaqdarha u jasserixxi l-awtorita` tieghu fid-dar matrimonjali b'mod illi jidher illi kien xi ftit jew wisq aggressiv, u illi, effettivament, jista' jigi interpretat bhala emozzjonalment abbuziv. Jidher illi s-suspetti tal-konvenut f'martu u l-principal taghha kienu biss aspett iehor ta' dan in-nuqqas ta' sikurezza jew, biex wiehed ighid hekk, ta' dan is-sens ta' inferjorita` tal-konvenut.

Illi b'danakollu, jidher illi ghal snin twal, din is-sitwazzjoni kienet tollerata miz-zewg nahat, illi kienu sahansitra meqjusa bhala "koppja ideali" mill-familjari u l-hbieb taghhom, specjalment in vista tal-fatt illi minhabba c-cirkostanzi tax-xoghol taghhom, it-tnejn kienu jippartecipaw b'mod ferm attiv, fit-trobbija tal-ulied minuri. Jidher effettivament illi l-problemi eskalaw proprju fiz-zmien illi l-attrici bdiet il-kors taghha universitarju b'mod illi certament kompla aggrava s-sens ta' inferjorita` jew inadegwatezza illi kien ihoss il-konvenut, u b'mod ukoll illi dak l-agir assertiv u forsi wkoll verbalment aggressiv illi

precedentement kien accettat mill-attrici, issa sar ghaliha totalment inaccettabbli.

Illi din il-Qorti tiddikjara dan kollu ghaliex hija thoss illi dan iz-zwieg tfarrak mhux minhabba xi nuqqas lampanti da parti ta’ naha jew ohra, izda sempliciment minhabba differenzi serji u inkompatibilita` insormontabbli bejniethom. Dan jinghad ukoll b’referenza ghall-attitudini taghhom dwar it-trobbija tal-ulied. Jidher illi mentri l-attrici ghandha pjuttost attitudini kalma u xi ftit jew wisq liberali lejn it-trobbija tal-ulied, il-konvenut, ghalkemm kapaci jqatta’ hinijiet twal jilghab ma’ wliedu, huwa ferm aktar ta’ dixxiplina. U hawnhekk hawn inkompatibilita` ohra illi, sfortunatament din id-darba, jista’ jkun li wasslet ghal sens ta’ konfuzjoni u anke tbatija ghall-minuri. Huwa minhabba dan illi l-Qorti, qieghda tirrakomanda li jista’ jkun utili ghall-kontendenti illi bhal f’diversi kazi ohra quddiem din il-Qorti, din il-koppja wkoll tiehu kors **fil-*parenting skills*** u dan mhux ghaliex huma genituri inadegwati – anzi jidher illi bil-mod taghhom, it-tnejn ghandhom l-ahjar interess tal-minuri ghal qalbhom – izda unikament sabiex jintlahaq kompromess jew ahjar *a happy medium* dwar it-trobbija tal-ulied, b’mod li l-istess ulied, anke jekk fi stadju llum xi ftit tardiv, ikunu jistghu jircievu trattament kemm jista’ jkun uniformi u kostanti miz-zewg genituri, u dan dejjem fl-ahjar interess tal-minuri.

Illi tenut kont dak kollu fuq premess, il-Qorti taqbel ma’ dak kollu li espremiet il-perit legali f’dan il-kuntest u tikkonkludi illi l-kawza tal-firda bejn il-kontendenti kienet l-inkompatibilita` tal-karattri taghhom, kif gia` nghad, b’mod illi jidher illi l-hajja flimkien taghhom mhix possibbli minhabba illi r-relazzjoni ta’ bejniethom illum tfarrket irrimedjabilment, u s-separazzjoni personali ghandha tigi ppronunzjata *ai termini* tal-**artikolu 40** tal-**Kodici Civili**. Fic-cirkostanzi kif deskritti, il-Qorti ma thossx illi huwa l-kaz illi jigu applikati l-effetti ta’ l-**artikolu 48 *et seq*** tal-**Kodici Civili** fil-konfront ta’ parti jew ohra.

Illi f’din l-optika din il-Qorti ser tghaddi sabiex teddeciedi dwar il-kwisjtoni tal-kura u kustodja ta’ l-ulied tal-kontendenti. Din hija dejjem regolata mill-principju ta’ l-

aqwa utilita` u l-akbar vantagg ghall-ahjar interess tal-minuri. Kemm is-Sekond Awla tal-Qorti Civili u kif ukoll din il-Qorti gja kellhom diga` l-okkazzjoni illi jikkonsidraw dina l-materja, u waslu ghall-konkluzjoni li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata konguntivament f'idejn il-partijiet.

Illi fil-fatt fic-cirkostanzi dan jidher illi huwa l-ahjar arrangament in vista tal-fatt illi c-cirkostanzi tax-xoghol bejn il-partijiet, jidher illi jippermettu partecipazzjoni attiva da parti taz-zewg kontendenti ghal tul ta' hin illi anke jassigura illi l-minuri jkunu, fil-maggor parti tal-gurnata, kurati minn wiehed jew l-iehor mill-genituri taghhom, u mhux minn terzi, minkejja l-esigenzi tax-xoghol tal-kontendenti.

Illi b'danakollu, l-Qorti thoss, in vista tad-disgwid illi jidher illi jinqala' bejn il-kontendenti, u in vista ta' l-attrit illi huwa prodott naturali ta' sitwazzjoni ta' separazzjoni personali illi tkun ghadha friska u mhux kompletament kristallizzata, illi jkun utili illi jigu dikjarati kjarament il-granet u l-hinijiet illi matulhom it-tfal minuri ghandhom jirrisjedu ma' genitur u mhux ma' iehor.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti wkoll thoss li tenut kont tac-cirkostanzi attwali illi l-minuri ghandhom jirrisjedu principarjament ma' l-omm, izda l-missier ikollu access kif gej: -

- Mit-Tnejn sal-Gimgha:

a) Matul ix-xhur tax-Xitwa, meta l-konvenut jahdem mis-7.00 a.m. sas-2.00 p.m., it-tfal ghandhom jingabru mill-iskola (jew jirritornaw mill-iskola, skond il-kaz) fir-residenza tal-missier u jigu ritornati mill-istess konvenut lill-attrici fis-6.00 p.m. (hlief nhar ta' Gimgha b'mod alternattiv, fil-gimgha illi huwa jkollu access aktar estensiv kif ser jinghad aktar 'l isfel);

b) Matul ix-xhur tas-Sajf, meta l-konvenut jahdem mill-5.00 a.m. sa l-10.00 a.m., il-missier ghandu jkollu

access ghal uliedu mit-Tnejn sal-Gimgha mill-11.00 a.m. sat-3.30 p.m.

- Matul il-weekend

c) Matul ix-xhur tax-Xitwa, kif definiti aktar 'il fuq skond l-iskeda tax-xoghol tal-konvenut, l-istess konvenut ghandu jkollu access ghal uliedu b'mod alternattiv l-ewwel gimgha, mill-Gimgha wara l-hin ta' l-iskola sas-Sibt fil-5.00 p.m. u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fil-5.00 p.m. sal-Hadd fis-2.00 p.m.

d) Matul ix-xhur tas-Sajf, in vista tal-fatt illi s-sighat tax-xoghol tal-konvenut ma jipperemettux illi l-minuri jorqdu fir-residenza tieghu, l-access fil-*weekend* ghandu jkun ezercitat b'mod alternattiv, l-ewwel gimgha s-Sibt mill-11.00 a.m. sa l-10.00 p.m. u l-gimgha ta' wara fil-jum tal-Hadd mill-11.00 a.m. sa l-10 p.m.

Illi ovvjament, dan l-arrangament jista' jkun soggett ghal tibdil bejn il-partijiet, b'konsultazzjoni mal-minuri in vista ta' l-eta` taghhom, u effettivament il-Qorti thoss illi, meta l-affarijiet ikunu kkwietaw u s-sitwazzjoni tal-firda tkun giet emozzjonalment accettata mill-partijiet kollha, jista' jkun hemm sitwazzjoni ta' access liberu. Izda llum is-sitwazzjoni ma' hijiex hekk u allura din il-Qorti qed timponi dan l-arrangament sabiex il-partjiet jirregolaw ruhhom b'dan il-mod u dan jista' jkun wkoll utili sabiex jigi evitat id-disgwid lamentat specjalment mill-attrici fil-konfront ta' dawn il-proceduri, fl-ewwel xhur tas-separazzjoni effettiva (jigifieri meta l-partijiet jibdew jirrisjedu separatament, mhux kif qed isir prezentement).

Illi wara li rat r-rapport peritali u wara li hija stess rat u apprezzat l-provi kollha prodotti mill-partijiet f'dan ir-rigward din il-Qorti thoss li l-manteniment illi ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghall-minuri huwa ta' erbghin Lira Maltin (Lm 40.00) fix-xahar ghal kull wiehed mill-minuri sakemm kull wiehed minnhom isir maggorenni u dan gie stabilit wara li din il-Qorti hadhet konsiderazzjoni tas-segwenti: -

(a) il-fatt illi l-attrici ghandha qligh nett ta' Lm 402.18 fix-xahar mentri l-qligh nett tal-konvenut huwa ta' Lm 284 fix-xahar biss;

(b) il-fatt illi d-dar matrimonjali hija proprjeta` parafernali ta' l-attrici u ghalhekk ser tigi assenjata lilha, mentri hemm biss villeggatura ossia garaxx bhala proprjeta` immobiljari formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, illi trid tigi assenjata ugwalment bejn il-partijiet, b'dan illi jidher illi l-konvenut ser ikollu jaghmel arrangamenti ghar-residenza tieghu illi ser ikunu necessarjament jikkostitwixxu piz finanzjarju ghalih;

(c) l-arrangamenti dwar l-access su-riferiti.

Illi l-istess rata ta' manteniment ghandha tithallas mill-konvenut permezz ta' cekk jew *standing order* fir-residenza ta' l-attrici, kull xahar bil-quddiem, u b'effett mid-data ta' din is-sentenza u jkun suggett ghal zieda proporzjonali skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

Illi din il-Qorti rat l-oggezzjonijiet tal-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet u tiddikjara li ma' taqbilx ma' l-istess sottomissjonijiet ta' l-istess, *stante* li jirrizulta car mill-hajja moderna, li l-ispejjez sabiex tmantni tifel jew tifla llum huma ta' hafna izjed minn Lm40 fix-xahar – u allura ma' hemm l-ebda dubju li l-fatt li l-istess minuri sejrin jghixu ma' l-attrici, jikkonstringu lill-attrici sabiex tonfoq ghall-manteniment somma superjuri ghal dak li l-konvenut qed jigi mitlub jikkontribwixxi bhala manteniment ghal l-istess uliedu. Dan l-istess konvenut messu jafu sew ghaliex huwa wkoll kien qed irabbi l-istess ulied u jaf ukoll x'isarfu l-bzonnijiet taghhom.

Illi dwar il-fond fejn kienu jghixu l-partijiet hemm qbil illi d-dar matrimonjali sitwata gewwa Redjacq, Triq il-Maghsar, Zabbar hija proprjeta` parafernali tal-attrici. Din ghandha tigi assenjata lilha bil-kcina b'kollox illi hija *fitted* u li wkoll jista' jinghad illi hija proprjeta` parafernali taghha, ghalkemm jirrizulta li l-istess konvenut ikkontribwixxa ghall-ispejjez ta' l-istess kcina, u b'hekk ser jigi hawn kompensat ta' l-istess. Apparti dan skond il-prospett

ipprezentat mill-konvenut bhala Dok. “YY2” a fol. 102 u 103 tal-process, illi ma jistax jinghad illi gie kontestat mill-attrici, jidher illi saru komplessivament spejjez ta’ Lm 1,493 mill-komunjoni tal-akkwisti, illi ser jibqghu a beneficcju tal-istess attrici, u ghalhekk nofs dan l-ammont u cioe` Lm 746.50 jew valur ugwali ghandu jigi rimborsat lill-konvenut (salv ghal dak illi ser jinghad dwar l-assenjazzjoni tal-mobbli). Illi hawn il-Qorti tirreferi ghall dak li qalet il-perit legali f’dan ir-rigward fejn sostniet li:-

*“tirrileva wkoll illi ghalkemm saru diversi domandi relattivi ghax-xogholijiet effettwati fl-istess fond, dawn ma gew bl-ebda mod kwantifikati u ghalhekk ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta’ assenjazzjoni, hlief ghal skopijiet ta’ stima arbitrio boni viri kif ser jinghad”.*

Illi din il-Qorti thoss ukoll li l-istess kcina ghandha tinghata lill-attrici *stante* li hija *fitted* fil-post, pero’ peress li jidher li l-konvenut ikkontribwxxa ghall-akkwist ta’ l-istess, din il-Qorti thoss li allura l-istess konvenut ghandu jigi kkompensat mill-attrici b’pagament ulterjuri ta’ erba’ mitt lira Maltija (Lm400). Illi b’hekk l-attrici ghandha thallas lill-konvenut l-ammont komlessiv ta’ elf mitejn u sitta u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,246.50), li ghandhom jithallsu mill-attrici lill-konvenut kif ser jigi pprovdut hawn fl-istess decizjoni.

Illi *inoltre* jinghad li fil-komunjoni tal-akkwisti hemm inkluz, bhala proprjeta` immobiljari, garaxx *ossia* l-post ta’ villeggatura sitwat gewwa Triq Xaghjra Beach, Xaghjra, illi fil-kors tas-seduta tal-24 ta’ Gunju 2004 l-partijiet qabblu li tali garaxx jiswa’ bejn Lm 15,000 u Lm 16,000 liema fond ma huwiex komodament divizibbli.

Illi ghalhekk din il-Qorti tordna li l-istess fond konsistenti f’garaxx, Triq ix-Xaghra Beach, Xaghjra ghandu jigi mibjugh in subbasta u mir-rikavat, l-konvenut ghandu jiehu l-ammont ta’ elf mitejn u sitta u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,246.50) dovuti lilu mil-attrici bhala rimbors ta’ sehem tal-konvenut mill-ispejjez li saru minnu fid-dar matrimonjali u wkoll bhala kumpens ghal kull ammont ta’ spejjez li hareg sabiex saret l-imsemmija kcina

li tinsab fil-fond matrimonjali (li giet assenjata lill-attrici), b'dan ghalhekk li wara illi jinqatghu wkoll l-ispejjez relattivi, il-bilanc rimanenti mir-rikavat tal-prezz ta' bejgh jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet. Ghal kull *buon fini*, l-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li qalet il-perit legali fil-konkluzzjoni ta' paragrafu 51 tar-relazzjoni taghha a fol. 172 tal-process.

Illi b'referenza ghall-oggetti mobiljari, jigi rilevat illi dawn gew indikati unikament mill-konvenut fil-prospett minnu pprezentat bhala Dok. "YY2" u l-kontendenti bl-ebda mod ma indikaw xi preferenza f'dan ir-rigward. Ghalhekk il-Qorti thoss li tali divizjoni ta' l-assi mobiljari ghandha ssir b' dan il-mod u dan dejjem *arbitro boni viri* u dan wara li l-istess Qorti hadhet in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet f'dan ir- rigward.

Illi din il-Qorti tordna ghalhekk li ghandhom jigu assenjati lill-attrici bhala sehma mill-komunjoni ta' l-akkwisti is-segwenti mobbli:-

(a) Is-salott, wallunit u l-wallunit tas-salott – Dok. "YY2" – items ix u x
(b) Il-computer, bid-dejn illi jista' jkun ghadu pendenti fuqu
(c) Cooker – Dok. "YY2" – item xv
(d) Washing Machine – Dok. "YY2" – item xvi
(e) Inkwadri tas-salott – Dok. "YY2" – item xvii
(f) Mera Kbira – Dok. "YY2" – item xix
(g) Mejda tas-salott – Dok. "YY2" – item xx
(h) Sett tat-television mixtri Lm 165
(i) Sett tat-television mixtri Lm 69
(j) Video – Lm 160 – Dok. "YY2" – item xviii
(k)

Illi din il-Qorti tordna wkoll li ghandhom jigu assenjati lill-konvenut bhala sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti s-segwenti mobbli:-

(a) Il-fridge tax-Xaghjra – Dok. "YY2" - item xxiii
(b) Il-washing machine tax-Xaghjra – Dok. "YY2" – item xxiv
(c) Sett tat-television mixtri Lm 320

(d) DVD – Lm 290 – Dok. “YY2” – item xiii
(e) Air-conditioning unit li jinsab fil-fond tax-Xaghjra
(f) Karozza Volkswagen Golf bin-numru ta’ registrazzjoni AAP 694 - Jigi rilevat illi l-allegazzjoni ta’ donazzjoni ta’ parti mill-prezz ta’ dina l-vettura, minn omm l-attrici ma gietx adegwatament ipprovata.

Illi apparti dan r-ragel qed jigi assenjat ukoll zewg stereos kbar u tliet kmamar tas-sodda illi huma proprjeta` parafernali tieghu.

Illi l-Qorti thoss ukoll li l-allegazzjoni tal-konvenut illi martu hadet LM8,000 fi flus kontanti mid-dar matrimonjali, ma gietx adegwatament ipprovata. Lanqas ma jidher illi giet adegwatament ipprovata l-allegazzjoni dwar id-deheb, u ghalhekk ma jidhirx illi hemm lok illi dawn l-allegazzjonijiet jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-qasma.

Illi fl-ahhar nett, jibqa’ x’jigu assenjati d-diversi poloz formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti. F’dan ir-rigward jigi ghandhom jigu divizi b’ dan il-mod:-

(a) Il-Polza bin-numru 27716 mahruga minn Middlesea Valletta Life f’isem il-konvenut tigi assenjata lilu mentri l-Polza bin-numru 28954 mahruga mill-istess socjeta` f’isem l-attrici tigi assenjata lilha – jidher illi dawn il-poloz ghandhom valur approssimattivament ugwali;

(b) Il-Poloz bin-numru FP402745 f’isem B AB u FP402746 f’isem B AB rispettivament jigu assenjati lill-attrici, sakemm l-ulied minuri beneficjarji jkunu jistghu jippercepixxu l-istess *ai termini* tal-polza relattiva (li ma gietx esebita) bl-obbligu illi l-istess attrici tibqa’ thallas il-premia dovuti fuq l-istess poloz.

Illi din id-divizjoni u assenjazzjoni tal-mobbli, u l-bejgh ta’ l-immobbli u l-qsim tar-rikavat ta’ l-istess prezz ta’ bejgh, wara li l-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta’ Lm1,246.50 kif fuq premess, qed issir bejn il-partijiet *per saldo* ghal kull pretensjoni ta’ l-istess mill-komunjoni ta’ l-akkwisti u tal-beni parafernali taghhom.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz u premess, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan kawza ta' inkompatibilita` tal-karattri tal-partjiet, b'mod illi l-hajja flimkien taghhom mhix possibbli minhabba illi r-relazzjoni ta' bejniethom illum tfarrket irrimedjabilment, u s-separazzjoni personali ghandha tigi ppronunzjata *ai termini* tal-**artikolu 40** tal-**Kodici Civili;**

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri B u B konguntivament f'idejn il-partijiet b'dan li l-minuri ghandhom jirrisjedu principarjament ma' l-omm, izda l-missier ikollu access kif gej: -

- Mit-Tnejn sal-Gimgha:

(a) Matul ix-xhur tax-Xitwa, meta l-konvenut jahdem mis-7.00 a.m. sas-2.00 p.m., it-tfal ghandhom jingabru mill-iskola mill-missier jew jirritornaw mill-iskola, skond il-kaz fir-residenza tal-missier u jigu ritornati mill-istess konvenut lill-attrici fis-6.00 p.m. (hlief nhar ta' Gimgha b'mod alternattiv, fil-gimgha illi huwa jkollu access aktar estensiv kif ser jinghad aktar 'l isfel);

(b) Matul ix-xhur tas-Sajf, meta l-konvenut jahdem mill-5.00 a.m. sa l-10.00 a.m., il-missier ghandu jkollu access ghal uliedu mit-Tnejn sal-Gimgha mill-11.00 a.m. sat-3.30 p.m.

- Matul il-weekend

(a) Matul ix-xhur tax-Xitwa, kif definiti aktar ‘il fuq skond l-iskeda tax-xoghol tal-konvenut, l-istess konvenut ghandu jkollu access ghal uliedu b’mod alternattiv l-ewwel gimgha, mill-Gimgha wara l-hin ta’ l-iskola sas-Sibt fil-5.00 p.m. u l-gimgha ta’ wara mis-Sibt fil-5.00 p.m. sal-Hadd fis-2.00 p.m.

(b) Matul ix-xhur tas-Sajf, *in vista* tal-fatt illi s-sighat tax-xoghol tal-konvenut ma jipperemettux illi l-minuri jorqdu fir-residenza tieghu, l-access fil-*weekend* ghandu jkun ezercitat b’mod alternattiv, l-ewwel gimgha s-Sibt mill-11.00 a.m. sa l-10.00 p.m. u l-gimgha ta’ wara fil-jum tal-Hadd mill-11.00 a.m. sa l-10 p.m.;

4. Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici bhala l-kontribuzzjoni tieghu ghall-manteniment tal-minuri bir-rata ta’ erbghin Lira Maltin (Lm 40.00) fix-xahar ghal kull wiehed mill-minuri sakemm kull wiehed minnhom isir maggorenni u dan ghandu jithallas mill-konvenut permezz ta’ cekk jew *standing order* fir-residenza ta’ l-attrici, kull xahar bil-quddiem, u b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u jkun suggett ghal zieda proporzjonali skond l-indici ta’ l-gholi tal-hajja. Illi ma’ hemmx lok li jigi likwidat manteniment favur l-attrici *stante* li hija ghandha llum introjtu taghha;

5. Tichad din it-talba *stante* li ma huwiex il-kaz li jigu applikati kontra xi wahda mill-partijiet id-disposizzjonijiet ta’ l-a**rtikolu 48 tal-Kodici Civili tal-Kap. 16;**

6. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza;

Illi din il-Qorti tiddikjara lil-fond Redjacq, Triq il-Maghsar, Zabbar hija proprjeta` parafernali tal-attrici, u allura ser jibqa’ proprjeta’ assoluta’ taghha, b’dan pero’ li hija ghandha thallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mija, u erbghin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm746.50) ghal sehem mill-ispejjez inkorsi mill-konvenut fl-istess fond. L-istess attrici qed tigi assenjata l-istess fond bil-kcina b’kollox, b’dan li l-istess attrici ghandha thallas lill-

konvenut is-somma ulterjuri ta’ hames mitt Lira Maltija (Lm500) rappresentanti sehem tal-konvenut mill-ispejjez inkorsi minnu ghall-akkwist ta’ l-istess kcina. Tali ammont komplessiv ta’ elf, mitejn u sitta u erbghin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,246.50) dovut mill-attrici lill-konvenut ghandhom jithallsu mir-rikavat tal-prezz ta’ l-immobbli formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, kif qed jigi pprovdut iktar il-quddiem f’din id-decizjoni;

Illi *inoltre* din il-Qorti tordna li l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisit jigu maqsuma bil-mod segwenti:

Illi fl-ewwel lok tordna li l-fond konsistenti f’garaxx, Triq ix-Xaghra Beach, Xaghjra ghandu jigi mibjugh in subbasta u mir-rikavat, l-konvenut ghandu jiehu l-ammont ta’ elf mitejn u sitta u erbghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1,246.50) dovuti lilu mill-attrici bhala rimbors ta’ sehem il-konvenut mill-ispejjez li saru minnu fid-dar matrimonjali w ukoll bhala kumpens ghal kull spiza tieghu ghall-akkwist ta’ l-imsemmija kcina fil-fond matrimonjali kif fuq deciz u wara illi jinqatghu wkoll l-ispejjez relattivi, il-bilanc rimanenti mir-rikavat jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet;

Illi fit-tieni lok din il-Qorti qed tassenja lill-attrici bhala sehema mill-komunjoni ta’ l-akkwisti s-segwenti mobbli:-

(a) Is-salott, wallunit u l-wallunit tas-salott – Dok. “YY2” – items ix u x;
(b) Il-computer, bid-dejn illi jista’ jkun ghadu pendenti fuqu;
(c) Cooker – Dok. “YY2” – item xv;
(d) Washing Machine – Dok. “YY2” – item xvi;
(e) Inkwadri tas-salott – Dok. “YY2” – item xvii;
(f) Mera Kbira – Dok. “YY2” – item xix;
(g) Mejda tas-salott – Dok. “YY2” – item xx;
(h) Sett tat-television mixtri Lm 165;
(i) Sett tat-television mixtri Lm 69;
(j) Video – Lm 160 – Dok. “YY2” – item xviii.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti tordna wkoll li jigu assenjati lill-konvenut bhala sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti s-segwenti mobbli:-

(a) Il-fridge tax-Xaghjra – Dok. "YY2" - item xxiii;
(b) Il-washing machine tax-Xaghjra – Dok. "YY2" – item xxiv;
(c) Sett tat-television mixtri Lm 320;
(d) DVD – Lm 290 – Dok. "YY2" – item xiii;
(e) Air-conditioning unit li jinsab fil-fond tax-Xaghjra;
(f) Karozza Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni AAP 694.

Illi apparti dan jidher inkontestat illi r-ragel ghandu jigi assenjat ukoll zewg stereos kbar u tliet kmamar tas-sodda illi huma proprjeta` parafernali tieghu, kif ser jigi indikat ukoll konsegwenti ghas-seba' talba ta' din ic-citazzjoni.

Illi fl-ahhar nett, id-diversi poloz formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghandhom jigu divizi b' dan il-mod:-

(a) Il-Polza bin-numru 27716 mahruga minn Middlesea Valletta Life f'isem il-konvenut qed tigi assenjata lilu mentri l-Polza bin-numru 28954 mahruga mill-istess socjeta` f'isem l-attrici qed tigi assenjata lilha u dan ghaliex jidher illi dawn il-poloz ghandhom valur approssimattivament ugwali;

(b) Il-Poloz bin-numru FP402745 f'isem B AB u FP402746 f'isem B AB rispettivament jigu assenjati lill-attrici, sakemm l-ulied minuri beneficjarji jkunu jistghu jippercepixxu l-istess *ai termini* tal-polza relattiva (li ma gietx esebita) bl-obbligu illi l-istess attrici tibqa' thallas il-premia dovuti fuq l-istess poloz;

7. Tilqa' din it-talba u tassenja lill-attrici d-dar matrimonjali Redjacq, Triq il-Maghsar, Zabbar *stante* illi l-istess hija proprjeta' parafernali taghha, bil-kcina b'kollox bil-mod kif fuq indikat, u tassenja lill-konvenut zewg stereos kbar u tlett kmamar tas-sodda illi huma proprjeta' parafernali tieghu, apparti li jircievi l-ammont ta' elef, mitejn u sitta u

erbghin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1,246.50) kif fuq u ghar-ragunijiet fuq indikati, li jithallas kif gja gie deciz; tordna wkoll li l-attrici ghandha tghix esklussivament fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha minuri, bl-esklussjoni tal-konvenut;

8. Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici illi tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------